**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 393/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fl-4 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fil-11 ta' Ottubru, 1997 gewwa l-Knisja tas-Santwarju tal-Mellieha ( certifikat taz-zwieg anness Dokument A) u miz-zwieg taghhom kellhom tifel, C li twieled fil-21 ta' Dicembru, 1998.

Illi l-imsemmija konjugi nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dottor Marco Burlo' fl-4 ta' Dicembru, 2003 ( Dokument B).

Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas ta' manteniment billi kienu ddekadew mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 4 tal-istess kuntratt).

Illi iben il-partijiet huwa llum maggorenni u arretrati ta' manteniment m'hemmx.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

Illi ghalhekk il-kondizzjonjiiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Illi l-esponent qieghed jipprezenta l-affidavit tieghu li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument C.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonjiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partjiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsuba fl-Artikolu 66C.

Ra illi fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018 l-intimata ddikjarat illi m'ghandha ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-affidavit tar-rikorrent.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet

ilhom legalment separati mill-4 ta' Dicembru, 2003. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata millum.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**